U jaħasra t-tarbija
Illi mietet fil-fisqija,
Min jaf hi kemm se trodd s'aleb
Tisma' l-qerq tan-nies faħxija!

...Imma l-bniedem wisq hu dgħajjef,
Ma jafx jgħid ħlief ħmerijiet;
Aħjar nieqaf, ma ngħidx iżjed,
Għax se ngħid l-ereżijiet!!!

---

## HOLM

*Ta'* JOHN SCIBERRAS

Issir felħan u qawwi;
Sultan, ma jaħkmek ħadd.
Imilu n-nies quddiemek;
niket ma jkollok qatt.

Imbagħad il-foqra għandek
jiġu jittalbu l-ġid,
'ma int ma tagħtix widen
b'qalb iebsa tal-ħadid.

In-nies tixtieqhom dejjem
jagħtuk tifħir u ġieh;
taħseb li sirt xi alla;
liż-żgħir dahrek turih.

U billi tkun setgħani
il-ħaqq ittih bis-sieq,
fejn ward għandek ixxettel
ittella' xewk u għolliq.

Biex jinżlu n-nies quddiemek
tfisser f'tebqa ta' għajn......
......issib ruħek fis-sodda
fqir, dgħajjef, bħall-oħrajn.



# Rikard Mifsud Bonnici

*Ta'* ROBERT MIFSUD BONNICI

RIKARD MIFSUD BONNICI, poeta u prożatur, twieled fit-3 ta' Ġunju, 1877, il-Mellieħa. Missieru Pietru Pawl surmast ta' l-Iskola tal-Gvern tal-Mellieħa kien ukoll poeta u prożatur; ix-xogħlijiet letterarji tiegħu, il-lum, għad li bis-saħħa ta' wliedu Ċensu u Rikard ġie li dehru f'xi perjodiku ta' żmienna, kollha jinsabu midfunin fil-qabar tal-ġurnaliżmu. Kieku dawk il-poeżiji tiegħu nġabru u ndammu fi ktieb kien ikollna mafkar ħaj ta' kittieb tajjeb ta' dak iż-żmien tmenin, disgħin sena ilu. Pietru Paul miet qasir il-għomor u ħallha armla lis-Sinjura Virġinja bint innutar Vassallo.



RIKARD MIFSUD BONNICI.

Rikard jaħbat is-sitt wieħed mis-sebat aħwa li sefgħu bla missier meta kienu għadhom żgħażagħ jew aħjar tfal; studja fl-Iskola tal-Gvern u wara fil-Liċeo, il-Belt. Rikard, sa minn ċkunitu dejjem weġġah 'l ommu u 'l ħutu ikbar minnu, Pawlu u Ċensu. Pawlu kien laħaq Deputat Reġistratur tal-Qorti ta' Fuq; iżda, daqsxejn ta' fewġa, waqt li servizz, soċjetà u dinja kulħadd jidħaklu, għal għarrieda tajritu, qaċċtitu minn wiċċ l-art u minn ħdan ommu u ħutu sab ruħu f'dak tal-Missier ta' kulħadd. Ċensu, mgħallem sewwa ta' lsienna, ma baqax ma żerax l-aħjar u l-itjeb żerriegħa f'moħħ u qalb ħuh iż-żgħir, Rikard, kif sewwa sew għamel miegħi li qiegħed nikteb dawn it-tifkiriet dwar qaribi.

Rikard moħħu jarfa', ma' l-istudju fil-Liċeo ma warrabx dak tal-Malti: staqsi, ħażżeż, għarrex, aqra, tkellem, aħżen,